MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tas-7 ta' Awwissu, 2007

Numru 662/2007

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**
**v -**

**MICHAEL CIANTAR**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **MICHAEL CIANTAR** ta’ sitta w erbghin sena bin Michael u Giovanna nee Mizzi, imwieled Pieta nhar t-tlieta w ghoxrin ta’ April 1961 u residenti 63, Flat 9, Triq il-Punent, il-Belt Valletta, detentur tal-karta tal-identita numru 314061M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fis-sebgha ta’ Awissu 2007 ghal habta tas-siegha ta’ filghodu gewwa l-ghassa tal-pulizija fil-Hamrun;

1. Ittanta li jattakka jew jaghmel resistenza bi vjolenza jew b’hebb, b'xort’ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz

pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti, u cioe fuq il-persuna tal-Ispettur Mario Tonna liema attentat ma sehhx minhabba xi haga accidental ital-imputat;

2. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kif wkoll gewwa l-ghassa tal-pulizija fil-Hamrun, ingurja, hedded jew ghamel offizi fuq persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li jkunu qed jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzgha jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u cioe fuq diversi persuni li huma ufficjali tal-Korp tal-Pulizija;

3. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kif wkoll gewwa l-ghassa tal-pulizija fil-Hamrun, m'obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-pulizija jew ma halliex jew fixkel waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod bla jedd indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliex lil membri tal-Korp tal-Pulizija jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassar jew gab fix-xejn dak li l-membri tal-Korp tal-Pulizija bhala awtorita kienu ghamlu;

4. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, voluntarjament kiser il-bon ordni w il-paci pubblika b'ghajjat u glied;

5. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, qal kliem mhux xieraq li jikkonsisti f'dagha.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom, l-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputat nhar s-sebgha ta' Awissu 2007, il-fedina penali tal-istess imputat, w il-kunsens tal-Avukat Generali datast sebgha ta' Awissu 2007 sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tas-sebgha ta' Awissu 2007 li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq

riferuta kif jirrizulta mill-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta dakinhar stess.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghal akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu, kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar s-sebgha t'Awissu 2007, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. L-ammisjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri u cioe mal-presentata u li b'hekk m'inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-fedina penali tal-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat ghandu tlett reati registrati fuqha dwar ricettazzjoni u ksur tal-paci pubblika b'ghajjat u glied fejn inghata canfira, amenda u probation ta' sentejn;.

3. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputat mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz.

Ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 41, 92, 95, 96, 338(ee), 338(dd) u 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **il-Qorti tiddikjara li ssib lill-imputat MICHAEL CIANTAR hati tal-akkuzi kif ammessi minnu stess u tiddecidi li, ai termini tal-artikolu 22(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' sena mill-lum.**

**Tordna wkoll li l-imputat m'ghandu jattendi ghal ebda attivita, tkun li tkun, in konnessjoni mal-festa ta' San Gejtanu ta' din s-sena.**

**Il-Qorti spjiegat lil hati fi kliem car, kemm r-responsabilita tieghu u x'jigri jekk hu jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija matul l-perjodu ta' sena mill-lum u l-imputat iddikjara li fehem ben tajjeb.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------